MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Numru 994/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**VS**

**CLAYTON JOSEPH POLIDANO**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Clayton Joseph Polidano ta’ 21 sena, bin Joseph u Benedettta nee’ Debono, imwieled tal-Pieta’ nhar il-5 ta’ Dicembru, 1983, li joqghod Flat 3, Blokk 4, Triq il-Fieres, Kirkop u detentur tal-karta tal-identita’ numru 20084 (M);

Akkuzat talli nhar il-21 ta’ Frar, 2004, ghall-habta tas-19:30, f’ Hal Kirkop, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi faqa’ l-erba’

*tyres* tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBH 714 tal-marka Toyota, liema hsara tiskorri il-hamsin lira maltin izda mhux il-hames mitt lira maltin, ghad-dannu ta' Charles Zammit, bi ksur tal-Artiklu 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni tal-imputat irregistrata fis-seduta tal-lum, liema ammissjoni giet ikkonfermata wara li l-Qorti tat zmien lill-imputat skond il-Ligi biex tikkunsidra din l-isqarrija, li giet ikkonfermata.

Rat l-Artikolu 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni, ssib lill-imputat hati u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' Lm50.00 bhala kumpens lil Charles Zammit *ai termini* tal-Artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------